Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2025/2259(INI)

26.02.2026

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar ir-Rapport 2025 tal-Kummissjoni dwar l-Ukrajna
(2025/2259(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Michael Gahler

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT 7

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar ir-Rapport 2025 tal-Kummissjoni dwar l-Ukrajna

(2025/2259(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Ukrajna,

– wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-4 ta' Novembru 2025 bit-titolu "Rapport tal-2025 dwar l-Ukrajna" (SWD(2025)0759), u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni li takkumpanjah bit-titolu "Komunikazzjoni tal-2025 dwar il-politika tat-tkabbir tal-UE" (COM(2025)0690),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A10-0000/2026),

A. billi l-Parlament ikkundanna, bl-aktar mod qawwi, l-aggressjoni Russa fil-konfront tal-Ukrajna u jsostni d-dritt tal-Ukrajna għas-sovranità, għall-indipendenza u għall-integrità territorjali fi ħdan il-konfini tagħha rikonoxxuti f'livell internazzjonali;

B. billi l-Ukrajna wriet reżiljenza notevoli fi triqitha lejn is-sħubija tal-UE minkejja l-gwerra ta' aggressjoni Russa li għaddejja;

C. billi l-Ukrajna tibqa' impenjata li tallinja l-leġiżlazzjoni tagħha mal-acquis tal-UE;

D. billi l-progress sar, iżda huma meħtieġa aktar sforzi biex jissaħħaħ l-istat tad-dritt fl-Ukrajna u tiġi miġġielda l-korruzzjoni;

E. billi l-istituzzjonijiet demokratiċi tal-Ukrajna wrew adattabbiltà skont il-liġi marzjali; billi l-Ukrajna għandha tkompli taħdem biex tiżgura t-trasparenza u l-bilanċ tal-poter;

F. billi s-soċjetà ċivili tibqa' pilastru tar-reżiljenza u tad-demokrazija fl-Ukrajna, għad li l-każijiet ta' pressjoni kontra l-attivisti jqajmu tħassib u jirrikjedu l-intervent tal-gvern;

G. billi l-integrazzjoni fl-UE għandha appoġġ wiesa' mis-soċjetà u mill-istituzzjonijiet Ukreni, u tibqa' forza mexxejja fundamentali għall-iżvilupp demokratiku tal-Ukrajna;

I. Is-sitwazzjoni attwali tal-gwerra ta' aggressjoni Russa u tas-sanzjonijiet tal-UE

1. Itenni s-solidarjetà soda tiegħu mal-poplu tal-Ukrajna u l-appoġġ tiegħu għall-indipendenza, għas-sovranità u għall-integrità territorjali tal-pajjiż, fi ħdan il-fruntieri tiegħu rikonoxxuti internazzjonalment; jissottolinja bil-qawwa d-dritt inerenti ta' awtodifiża tal-Ukrajna, f'konformità mal-Artikolu 51 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti;

2. Jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jżidu l-assistenza biex jappoġġjaw id-dritt ta' awtodifiża tal-Ukrajna; jinsisti fuq il-fatt li l-UE u l-Istati Membri tagħha, flimkien mas-

sħab u mal-alleati, jeħtiġilhom jikkontribwixxu għal garanziji tas-sigurtà robusti u leglament vinkolanti għall-Ukrajna biex jiskoraġġixxu aggressjoni ulterjuri mir-Russja;

3. Ifaħħar it-tħabbira tal-Kummissjoni, f'Jannar 2026, li se tipprovdi EUR 90 biljun f'appoġġ kritiku għall-ħtiġijiet baġitarji u militari tal-Ukrajna matul il-perjodu 2026–2027;

II. L-impenn favur l-adeżjoni mal-UE

4. Jilqa' bil-qawwa d-dedikazzjoni kontinwa tal-Ukrajna biex tissodisfa r-rekwiżiti tas-sħubija fl-UE; jilqa' t-tlestija tal-proċess ta' skrinjar tal-ġabriet ta' kapitoli kollha u jħeġġeġ bil-qawwa lill-Ungerija tieqaf tuża l-veto għall-ftuħ tal-ġabriet ta' kapitoli ta' negozjar; jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni u tal-Presidenza Ċiprijotta tal-Kunsill li jkomplu n-negozjati fil-livell tekniku b'antiċipazzjoni tal-ftuħ tan-negozjati fil-futur;

III. Id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni

5. Jirrikonoxxi l-isforzi straordinarji li għamlet l-Ukrajna biex issaħħaħ l-istituzzjonijiet demokratiċi matul il-gwerra; jilqa' l-progress tal-Ukrajna fir-riforma ġudizzjarja u fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jappella għal progress sostnut f'dawn l-oqsma kritiċi;

6. Ifaħħar l-adozzjoni tal-pjan ta' prijorità ta' riforma ta' 10 punti miftiehem bejn l-UE u l-Ukrajna f'Diċembru 2025, imfassal biex isaħħaħ l-istat tad-dritt u jtejjeb il-miżuri kontra l-korruzzjoni;

7. Jirrikonoxxi l-isforzi li saru bi tħejjija għal elezzjonijiet demokratiċi, li għandhom isiru ladarba titneħħa l-liġi marzjali; ifaħħar il-fatt li reġgħu ġew stabbiliti x-xandiriet parlamentari, li saħħaħ il-leġittimità demokratika tal-Ukrajna;

8. Itenni r-rwol essenzjali tal-Verkhovna Rada fl-adozzjoni rapida tar-riformi;

9. Iħeġġeġ lill-Ukrajna tkompli tindirizza kwistjonijiet li jfixklu r-riforma ġudizzjarja, b'mod partikolari fir-rigward tal-indipendenza ġudizzjarja; jappella għal riforma tas-Servizz tas-Sigurtà u tal-Uffiċċju Statali tal-Investigazzjoni, li tibni fuq l-inizjattiva tal-President Zelenskyy kif imħabbra fit-2 ta' Jannar 2026;

10. Jitlob rieżami tal-miżuri tal-liġi marzjali, inklużi l-"emendi ta' Lozovyi" u l-prattiki ta' arrest preventiv; iħeġġeġ trasparenza akbar fl-aċċess għar-rekords pubbliċi, filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtiġijiet tas-sigurtà fi żmien il-gwerra; ifaħħar l-introduzzjoni ta' liġi ġdida dwar il-lobbjar;

11. Jilqa' l-progress mill-aġenziji speċjalizzati kontra l-korruzzjoni fil-kxif u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' profil għoli; ifaħħar l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi tal-informaturi; iħeġġeġ lill-Ukrajna tiżgura li l-istituzzjonijiet kontra l-korruzzjoni jibqgħu indipendenti permezz ta' proċessi ta' ħatra trasparenti u salvagwardji robusti kontra l-pressjoni politika u ġudizzjarja;

12. Ifaħħar is-sħubija tal-Ukrajna fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Tixħim tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) bħala pass pożittiv lejn sħubija sħiħa fl-OECD; jirrikonoxxi l-progress tal-Ukrajna fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni kontra t-tixħim għat-tranżazzjonijiet internazzjonali;

IV. Il-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem

13. Ifaħħar l-impenn tal-Ukrajna li tiddefendi d-drittijiet fundamentali minkejja l-aggressjoni Russa li għaddejja bħalissa, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali dwar l-istat tad-dritt adottat f'Mejju 2025; jistieden lill-Ukrajna tiżgura appoġġ kontinwu għal-libertà tal-espressjoni u l-indipendenza tal-media; jitlob rieżami tar-restrizzjonijiet tal-liġi marzjali biex jiġi żgurat li tali restrizzjonijiet ikunu meħtieġa u proporzjonati;

14. Jinsab sodisfatt li s-soċjetà ċivili tal-Ukrajna baqgħet attiva minkejja t-tbatija mġarrba fi żmien il-gwerra; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Ukreni jsaħħu l-konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili u mas-sħab soċjali u jiżguraw li l-kontribut li jirċievu mingħandhom jitqies kif xieraq;

V. Il-kooperazzjoni reġjonali u r-relazzjonijiet tajbin ta' viċinat

15. Jilqa' l-isforzi akbar tal-Ukrajna biex tallinja l-pożizzjonijiet tagħha mal-UE u mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ; iħeġġeġ koordinazzjoni mill-qrib mal-UE dwar in-negozjati kummerċjali internazzjonali;

16. Ifaħħar iż-żieda fil-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' sigurtà u difiża bejn l-Ukrajna u l-UE u l-Istati Membri tagħha, b'mod partikolari permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi;

VI. Ir-riformi soċjoekonomiċi

17. Iħeġġeġ lill-Gvern Ukren jadotta approċċ sistemiku għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-ġestjoni finanzjarja pubblika, filwaqt li jiżgura l-allinjament mal-pjan direzzjonali eżistenti;

18. Ifaħħar ir-riforma b'suċċess tal-Uffiċċju tas-Sigurtà Ekonomika tal-Ukrajna u l-Aġenzija għall-Irkupru u l-Ġestjoni tal-Assi tagħha;

19. Iħeġġeġ lill-Ukrajna tkompli tavvanza lejn l-integrazzjoni fis-suq uniku tal-UE; jirrakkomanda li ssegwi l-10 prijoritajiet deskritti fil-pjan ta' azzjoni prijoritarju taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva bejn l-UE u l-Ukrajna; jilqa' l-adeżjoni tal-Ukrajna mar-"Roaming Daqslikieku f'Pajjiżek" tal-UE, f'Jannar 2026;

20. Jappella għal sforzi sostnuti biex jiġu liberalizzati l-movimenti tal-kapital, inkluż permezz ta' allinjament mar-Regolament dwar iż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro[1], u biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;

21. Ifaħħar l-effikaċja tal-governanza f'diversi livelli tal-Ukrajna; jilqa' l-progress fl-avvanz tad-deċentralizzazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti tal-adeżjoni mal-UE; jitlob riformi ulterjuri biex tissaħħaħ l-awtonomija lokali;

22. Ifaħħar lill-Ukrajna talli ssodisfat 63 minn 68 kundizzjoni ta' riforma deskritti fil-Pjan għall-Ukrajna, oriġinarjament imfassla biex jiġu implimentati wara tmiem il-gwerra u li

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u tan-negozju għat-trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti bl-euro u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009 (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/260/oj).

madankollu twettqu matul il-gwerra, li ppermettew l-iżborż ta' EUR 26,8 biljun fl-2025; jappella għal sforzi sostnuti ta' implimentazzjoni, f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/792[2], b'mod partikolari biex l-Ukrajna tiġi mħeġġa tallinja ruħha mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-akkwist pubbliku;

VII. L-enerġija u l-iżvilupp sostenibbli

23. Jilqa' l-progress sostanzjali li sar f'dak li għandu x'jaqsam mar-riformi tas-settur tal-enerġija u mal-allinjament tal-Ukrajna mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Patt għal Industrija Nadifa; ifaħħar lill-Ukrajna talli għamlet progress tajjeb fl-implimentazzjoni tal-pjan nazzjonali tagħha għall-enerġija u l-klima, minkejja l-qerda mifruxa tal-infrastruttura tal-enerġija tal-Ukrajna mir-Russja;

°

° °

24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri kif ukoll lill-Gvern u lill-Parlament tal-Ukrajna.

[2] Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj).

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Ir-rapporteur jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu li fir-rapport tiegħu ma inkludiex kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).